SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-erbgha u tletin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Hamis 8 ta' Frar 2010 fil-5:00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Noel Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Membri:* | Luigia Grima<br>John Mercieca<br>Joseph Sultana |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Ġiet trattata l-ittra mingħand l-ETC dwar l-iSkema tal-Ħaddiema fil-Kommunita fejn talbuna l-viżjonijiet tagħna u jekk hemmx aktar talbiet għal aktar ħaddiema. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob sabiex jiġi estiż il-perijodu għall-ħaddiem li għal dawn l-aħħar xhur ħadem magħna fl-ufficju u biex jitlob li għandhom jibgħatulna aktar ħaddiema biex inwettqu xi xogħolijiet bħalma huma żebgħa ta'l-għamara tat-toroq u bini ta' ħitan tas-sejjieħ. Il-Kunsilliera Luiġia Grima proponiet li għandna nistħarrġu jekk permezz ta' dawn il-ħaddiema nistgħux nirranġaw il-ħajt tas-sejjeħ ta' Triq it-Torri b'mod temporanju, peress li fil-ħsieb tal-Kunsill huwa li jinbena *housing estate*. .

3.2 Ġew diskussi fid-dettal diversi Memos li l-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment. Is-Sindku fakkar li l-memos kollha qed jintbgħatu regolarment b'email lil kunsilliera pero uħud minnhom ikun hemm il-ħtieġa li jiġu diskussi bħala Kunsill. Għalhekk ippropona li jiġu diskussi dawn :

3.3 Memo 7/2010 Skema dwar accessibilita'aħjar fil-lokalitajiet. Is-Sindku semma li kif kien ġie deċiż f'laqgħat preċidenti taħt din l-iskema l-Kunsill daħħal l-

applikazzjoni għal aktar accessibilita' fil-bajja tad-Dwejra billi nagħmlu bridge tal-injam fuq ic-cagħaq u wkoll sabiex nagħmlu bandla għall-persuni b'diżabilita' fil-playing field.

3.4 Memo 9/2010 – Xogħol fuq toroq residenzjali. Is-Sindku semma li kif isemma f'laqgħqa preċedenti taħt din il-memo applikajna sabiex isir t-tieni kisja ta' l-aħħar parti ta' Triq il-Wileġ u terġa ssir mill-ġdid Triq Wied Merill.

3.5 Memo 10/2010 Skema għall-applikazzjonijiet ta' enerġija alternattiva. Is-Sindku semma li taħt din l-applikazzjoni applikajna għal €10,000 sabiex il-Kunsill jaħseb għal aktar proġetti f'dan il-qasam.

3.6 Memo 12/2010 Għajnuna għat-tħawwil ta' siġar. Is-Sindku semma li għal din il-memo applikajna għal 50 siġra taż-żebbuġ biex jitħawwlu fil-ġnien ta' l-iskola. Dan il-proġett ser jitwettaq ma l-iskola

3.7 Memo 16/2010- Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilita ta' librerija lokali. Is-Sindku semma li taħt din il-memo applikajna għall-aktar fondi għal-librerija, biex inkomplu nżidu kotba tal-qari.

3.8 Memo 21/2010 –Skema ta' finanzjament għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar. Taħt din l-memo is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex l-Kunsill ikun jista' japplika sabiex tiġi rrestawrata n-niċċa u l-istatwa tad-Duluri li tinsab mal-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali kif ukoll magħha għandna nitolbu fondi biex jitwaqqaf inventarju tal-postijiet kollha storiċi li għandna fir-raħal.

3.9 Memo 32/2010- Skema ta' għajnuna lill-Kunsill Lokali li tul is-sena jilqgħu fihom attivitajiet fuq skala nazzjonali u li jkunu organizzati esklussivament mill-gvern ċentrali. Il-Kunsill qabel li taħt din il-memo napplikaw għal xi proġett ta' tisbiħ li namalgamawħ mal-ativita' tal-Festa tat-Tadam, bħal ma huma banikini.

## 4.0 Wara l-għeluq tas-sejħa għall-interess tal-proġett tal-pannelli solari.

4.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li dehret s-sejha ta' nteress għall-pubbliku fuq il-gazzetta tal-Gvern, biex tingħata ndikazzjoni x'hemm fis-suq. Huwa nforma li kien hemm ħdax-il sottomissjoni. Huwa fakkar fil-qbil li kien hemm f'laqgħat preċidenti li twaqqaf bord biex janalizza liema l-aħjar indikazzjoni li kien kompost mill-Inginier Mario Galea, Inginier Josef Micallef u mit-tekniċi George Micallef u Michael Micallef. Huwa semma li l-Bord iltaqa kemm-il darba u prepara rapport wara li analizza fid-dettall kull interss li ntwera.

4.2 Il-kunsilliera ngħataw kopja tar-rapport li kien magħmul mill-board li fiha kienet annalizzat liema indikazzjoni tkun taqbel għar-residenti li qed juru nteress kbir f'din is-sistema. Fuq rakkomandazzjoni tal-bord, jidher li l-kumpanija Di Natura

hija l-aktar waħda vantaġġjuza dan għaliex finalment il-konsumatur ser ikun ħareġ biss €999. Ġie spjegat pero li xorta ser titħallas is-somma kollha, kif tidher fl-invoice, pero meta wieħed janalizza is-susidiju tal-gvern u l-għajnuna li ser tagħti di Natura finalment l-konsumatur tiġiħ is-somma msemmija qabel.

**5.0 Attivitajiet għal Karnival**

5.1 Is-Sindku propona li fejn hemm grupp tal-hilarious, minflok jingħata *trophy* wieħed lit-tim rebbieħ, ikun tajjeb jekk nagħtu *token* jew *trophy* zgħir lil kull parteċipant fit-tim li jiġi fl-ewwel u fit-tieni post.

5.2 Il-Kunsillier John Mercieca ssuġerixxa li tiżdied kompetizzjoni ġdida fejn fiha xi ndividwu jilbes ta' maskarat u dawk li jagħrfuh jirbħu xi ammont ta' flus. Ma kienx hemm qbil il-proposta għaliex is-sabiħ tal-Karnival huwa li maskarat ma jingħarafx.

5.3 Bħala program sar qbil li ssir iż-żifna mit-tfal ta'l-iskola, żifna minn gruppi ta' żeffiena min-Nadur u l-kompetizzjonijiet. Bħala ġurnata ġie deċiż li s-serata tal-Karnival issir nhar il-Ġimgħa 18 ta' Frar 2010 fit-8:00 ta' filgħaxija fil-Pjazza.

**6.0 Il-Kunsill klassifikat bħala l-aktar Kunsill effiċjenti bejn April u Lulju 2009.**

6.1 Is-Sindku rrefera għas-suċċess li kiseb il-Kunsill fir-rapport tal-effiċjenza bejn April u Lulju 2009 fejn klassifika bħala l-ewwel post fost il-Kunsilli kollha ta' Malta u Għawdex. Is-Sindku esprima s-sodisfazzjon tiegħu u awgura li l-Kunsill jibqa fil-quċċata b'riżultati bħal dawn li wara kollox l-aktar li qed igawdu huma ċ-ċittadini tagħna

**7.0 Applikazzjoni taht il-Fondi Specjali – Ufficini tal-Kunsill**

7.1 Is-Sindku rrefera għal-Memo 15/2010 Applikazzjoni għal Fondi Speċjali għall-lokalitajiet bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku propona li taħt din ilMemo għandna nikkunsidraw sabiex napplikaw għall-progett ta' bini ta' Ċentru Ċiviku fl-art vojta li hawn fl-iskola. Huwa propona li dan il-proġett ikun jinkludi s-servizzi meħtieġa kollha għal-lokal bħalma huma berġa, għassa tal-pulizija, latrina, uffiċju tal-Kunsill u servizzi oħra bħal ma huma faċilitajiet għall-għaqdiet mhux governattivi tar-raħal. Il-Kunsill iddiskuta l-pjan u l-iskop ta' dan il-proġett u kien hemm qbil dwaru. Il-Kunsill qabel li għandu jqabbad lil Perita Ivana Farrugia biex tippreparalna pjanta li tkun tinkludi l-facilitajiet kollha msemmija sabiex wara niddiskutuha bħala Kunsill. Is-Sindku semma li taħt din l-iskema tlabna €150,000 għall-bini tal-ewwel fażi. Sar ukoll qbil li nibdew il-proċess tad-devoluzzjoni ta' din l-art. Is-Sindku semma li mal-perit għandna nitkellmu dwar l-importanza li l-gate ta' l-iskola tiġi rtirata 'l ġewwa biex dan iċ-ċentru ċiviku ikunu indipendenti mill-iskola u nippruvaw li noħolqu spazju miftuħ quddiem dan iċ-ċentru biex tinħoloq pjazza oħra fir-raħal.

## 8.0 Wara l-konferenza dwar il-proġett ta' l-EU Italja-Malta

8.1 Is-Sindku rrefera għall-konferenza li nżammet f'Catania fejn huwa flimkien mas-Segretarja attendew għaliha flimkien mas-Sur Lawrence Sciberras fejn kellhom l-opportunita' li jiltaqgħu ma rappreżentanti sqallin li huma nteressati li jidħlu flimkien magħna għal xi proġett infrastrutturali taħt din is-sejħa. Is-Sindku semma li kienet laqgħa tajba ħafna u li minnha ksibna diversi kuntatti ma min nistgħu naħdmu fil-futur. Ġew diskussi diversi proġetti li jistgħu jidħlu taħt din l-applikazzjoni fosthom it-tindif tal-Wied il-Kbir u l-Heritage Trail lejn it-tempju puniku ta' Ras il-Wardija.

## 9.0 Sejħa oħra ERDF

9.1 Is-Sindku rrefera għall-Memo 11/2010 dwar applikazzjoni ERDF Axis II Is-sindku propona li bħala Kunsill għandna napplikaw taħt din l-applikazzjoni tal-Unjoni Ewropea li hija mmirata għal Kunsilli Lokali. Huwa propona li napplikaw sabiex issir manutenzjoni tat-triq ta' Għajn Abdul li twasslek sal-Ponta, proprjament fejn hemm tempju puniku. Il-kunsilliera qablu li jekk inkunu fil-parametri tal-applikazzjoni għandna nipproċedu dwarha u li għandna nżommu laqgħa mas-sidien tat-tempju biex nippruvaw nilħqu xi tip ta' ftehim magħhom dwar l-amministrazzjoni ta' dan is-sit.

## 10.0 Xogħol ta' persuni biex jiskattaw piena

10.1 Is-Sindku rrefera għat-talba li saritlu sabiex persuna li tkun ser tiskatta piena, tpattija b'xogħol, biex jigi jagħmel xi xogħol mal-Kunsill biex inkunu qed ngħinuhom jintegraw fis-soċjeta. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-proposta u qabel li għandna nistħarrġu aktar dettalji dwar din il-persuna u jekk ma tkun qed tiskatta piena kontra reat gravi, għandna nagħtuh prova.

## 11.0 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2010

11.1 Is-Segretarja preżentat *draft* tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2010. Il-Kunsill qabel mal-kontenut u sar qbil li taħt il-fondi kapitali jdaħħal €50,000 għal kofinanzjament tal-proġetti tal-Ewropa u €50,000 għal parti mill-proġett tal-pjazza. Il-Kunsill approva l-kontenut tal-estimi. Kopja tal-Estimi qed tiġi mehmuza ma dawn il-minuti.

## 12.0 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-impjegati tal-Kunsill

12.1 Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-performance bonus tal-impjegati li huma fil-massimu ta' 10% u 6% tas-salarju tas-Segretarju Eżekuttiv u

ta'l-iskrivana tal-Kunsill rispettivament. Is-Sindku semma' li t-tnejn li huma qed jaqdu dmirhom ħafna u li jagħmlu ħafna xogħol li mhux kompetenza tagħhom, għalhekk huwa jipproponi li għandhom jieħdu l-performance bonus massimu. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

## 13.0 Materji ohra

13.1 Il-Kunsilliera Luiġia Grima proponiet wkoll li wasal iż-zmien li nakkwistaw sett mill-Bring in Sites ġodda Saret diskussjoni fejn jistgħu jsiru u ġie deċiż li nippostjawhom fil-plots eżattament fl-ewwel *parking bay* hekk kif tidhol fi Triq Nicholas Monsarrat. Wara diskussjoni dwar din il-proposta, sar qbil li naghmluhom bi prova bil-patt li jekk ma jirnexxux innehuhom.

13.2 Is-Sindku semma li talab lill-kuntrattur sabiex issir stima ħalli nordnaw sabiex isir tqaxxir u patching ta' biċċa Triq fi Triq Karmnu Grima u biċċa oħra quddiem tal-Perit Mizzi fi Triq Ċangura peress li qed izomm l-ilma. Kien hemm qbil dwar dan.

13.3 Is-Sindku rrefera għal possibilita' li ninstallaw Wi-Fi b'irħis fil-pjazza. Huwa semma kif tas-St. Laurence Spurs ser jixtru xi pakkett tal-Go u bi ftit spejjes miegħu tista tinstalla' l-WiFi. Huwa semma li bħala Kunsill nistgħu nħallsu d-differenza biex b'hekk il-pubbliku jkollu s-servizz ta' internet b'xejn mill-pjazza. Il-Kunsill qabel li għandna nipproċedu fuqha.

13.4 Is-Sindku rrefera għall-proġett tal-Knisja, liema proġett huwa miexi ġmielu u qegħdin fil-proċess ta l-evalwazzjoni ta l-offerti tar-restawr. Huwa semma li s'issa ġew magħluqa l-offerti tar-restawr tal-qniepen u dak tal-installazzjoni tas-sistema tal-protezzjoni mis-sajjetti.

Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| ***Noel Formosa*** | ***Lucienne Haber*** |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |